**STQARRIJA PARLAMENTARI MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-LAQGĦA TAL-KUNSILL EWROPEW LI SARET BEJN IL-ĦAMIS 17 U L-ĠIMGĦA 18 TA' OTTUBRU 2019**

Sur President,

Nixtieq nirraporta lil din il-kamra dwar ix-xogħol li sar waqt is-Summit bejn il-Mexxejja Ewropej li tlaqqa bejn il-Ħamis 17 u l-Ġimgħa 18 ta' Ottubru u li l-konklużjonijiet tiegħu qed jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra.

Id-diskussjonijiet bdew bejn is-sebgħa u għoxrin pajjiż fil-format ta' Artiklu ħamsin, wara li l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit qablu f'negozjati intensivi matul il-jiem ta' qabel fuq reviżjonijiet fl-Arranġament tat-Tluq.

Fil-maġġoranza assoluta tiegħu, l-Arranġament tat-Tluq baqa intatt u ma nbidel xejn mill-kapitli dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, il-flus li għandhom jitħallsu u t-tranżizzjoni. Kien hemm tibdil biss fil-Protokol dwar l-Irlanda, b'mod aktar speċifiku:

1. Fl-arranġamenti tad-dwana u l-kontrolli;

2. Fl-irwol tal-Assemblea Parlamentari tal-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-Protokol dwar l-Irlanda; u

3. Fit-taxxa dwar il-valur miżjud fl-Irlanda;

L-ewwel, in-negozjaturi kellhom jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet taż-żewġ naħat dwar il-kontrolli tad-dwana. Hawn ir-Renju Unit tenna l-pożizzjoni tiegħu li l-Irlanda ta' Fuq għanda tkun parti mit-territorju tar-Renju Unit għall-fini ta' dwana u għal ftehimiet kummerċjali futuri.

Minn naħa l-oħra, l-Unjoni Ewropea minn dejjem kienet ċara li kwalunkwe soluzzjoni riedet tkun waħda li tipproteġi b'mod adegwat l-integrita tas-suq waħdieni u l-proċess ta' paċi fl-Irlanda hekk kif stabbilit mill-*Good Friday Agreement*.

Is-soluzzjoni maqbula bejn il-Gvern tal-Prim Ministru Johnson u l-Unjoni Ewropea kienet li jkun hemm fruntiera inviżibbli fil-baħar bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda, kif ukoll li japplikaw il-kontrolli tad-dwana u regolatorji tal-Unjoni Ewropea kollha. Biss, se jkun hemm eċċezzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti li ma jġorru l-ebda riskju jew li jkunu se jiġu ikkunsmati fir-Renju Unit.

Dwar l-irwol tal-Assemblea Parlamentari tal-Irlanda ta' Fuq, kien hemm qbil li wara erba snin mit-tmiem tal-perjodu tranżitorju, ikun hemm vot f'din l-istituzzjoni dwar jekk l-Irlanda ta' Fuq tridx tkompli tapplika dan l-Arranġament. F'kaz li jkun hemm qbil b'maġġoranza sempliċi biss favur kontinwazzjoni, l-Arranġament jiġi mġedded għal erba snin oħra, filwaqt li jekk ikun hemm maġġoranza akbar jiġi mġedded għal tmien snin.

F'każ ta' vot negattiv wara l-ewwel erba snin, il-Protokol jibqa japplika għal sentejn oħra u dan ikun perjodu li fih tinstab soluzzjoni alternattiva. Jekk ma tinstabx, ikun jeħtieġ fruntiera bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-Reppublika tal-Irlanda.

B'rabta mat-taxxa dwar il-valur miżjud intlaħaq qbil li japplikaw ir-regoli kollha tal-Unjoni Ewropea u li r-Renju Unit jiġbor it-taxxa daqs li kieku baqa' stat membru f'dak li għandu x'jaqsam mal-Irlanda ta' Fuq. Madanakollu ġiet inkluża l-possibilta ta' xi eżenzjonijiet fuq prodotti speċifiċi jekk ikun hemm qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit.

Tajjeb li nirreferi ftit ukoll għall-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jiskatta awtomatikament mar-ratifika tal-Arranġament tat-Tluq u prattikament ifisser li ma jinbidel xejn sal-aħħar tal-2020. Hemm il-possibilta' li dan jiġi estiż sal-aħħar tal-2022. Effettivament l-unika bidla f'dan iż-żmien li matulu nkunu qed ninnegozjaw ir-relazzjoni futura tkun li r-Renju Unit ma jibqax jipparteċipa fil-laqgħat u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Lil hinn minn dan kollu, kien hemm ukoll emendi fid-dikjarazzjoni politika dwar ir-relazzjonijiet futuri. Għalkemm tneħħew ir-referenzi għal *customs union* (unjoni doganali), inżammu provedimenti importanti dwar Level Playing Field li jiggarantixxu kompetizzjoni ġusta bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit.

Wara li kien hemm dan il-qbil bejn il-Mexxejja fil-Kunsill Ewropew, ilbieraħ filgħaxija fil-Parlament Ingliż kien hemm vot favur ir-ratifika tal-Arranġament tat-Tluq fil-Parlament. Madanakollu, fid-dibattitu tas-Sibt li għadda, il-Commons iddeċieda wkoll li għandha tintalab estensjoni sal-31 ta' Ottubru skond il-Benn Act u ma approvax li l-iskrutinju tat-test legali isir permezz ta' proċedura aċċellerata biex il-proċess ikun lest sal-aħħar tax-xahar.

Wara dan l-iżvilupp, il-Prim Ministru Johnson qal li se jkun qed iwaqqaf il-proċess leġiżlattiv biex l-Arranġament tat-Tluq jiġi ratifikat, jitkellem mal-mexxejja tal-Unjoni Ewropea u jintensifika l-preparamenti għal tluq mingħajr ftehim. Dan peress li hu ma jixtieqx li jtawwal il-proċess aktar u jemmen li r-Renju Unit għandu jitlaq mill-Unjoni Ewropea bil-qbil miftiehem fil-31 ta' Ottubru, jew mingħajru.

Fi ftit kliem dan ifisser li l-Gvern tar-Renju Unit kien sfurzat jitlob estensjoni u l-Unjoni Ewropea issa qed tikkunsidra din it-talba li jrid ikun hemm qbil unanimu dwarha mis-sebgħa u għoxrin stat membru. Il-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk qed jirrakkommanda li tiġi aċċettata din it-talba tar-Renju Unit u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet – anke fil-ħin li qed nagħmel din l-istqarrija ministerjali fuq livell ta' Coreper – biex naraw x'tip ta' estensjoni se tingħata, u sa meta.

Fil-prattika, dan l-iżvilupp ifisser ukoll li l-possibilta' li jkun hemm tluq bla ftehim il-ġimgħa d-dieħla ma tistax tiġi eskluża f'dan l-istadju.

Intant, apparti n-negozjati dwar ir-Renju Unit, fil-Kunsill Ewropew kien hemm diskussjonijiet dwar il-proċess tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea. Sfortunatament ma kienx hemm qbil li għandhom jinfetħu n-negozjati għas-sħubija tal-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija, liema deċiżjoni issa ġiet posposta għal kmieni s-sena d-dieħla.

Minkejja li huwa evidenti li din kienet diskussjoni sensittiva, diġa għedt pubblikament li personalment inħoss li din kienet daqqa ta' ħarta għall-kredibilita tal-Unjoni Ewropea fuq sħubija ta' pajjiżi li għamlu riformi iebsa biex jibdew dan il-proċess.

Dwar it-Turkija u l-iżviluppi li għaddejin fuq il-fruntiera mas-Sirja, il-Kunsill Ewropew ikkundanna dak li qed iseħħ u ħa nota tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-Istati Uniti fir-rigward tat-

Turkija. Il-Kunsill Ewropew esprima ruħu konxju tar-riperkussjonijiet fuq il-migrazzjoni jekk tissokta din il-kriżi u waqqaf l-esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija.

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta wkoll l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika li ġiet maqbula f'Ġunju li għadda b'għadd ta' pajjiżi jagħmlu riferenzi għal setturi speċifiċi importanti bħas-suq uniku, il-migrazzjoni u t-tibdil fil-klima. Dwar tibdil fil-klima kien hemm emfasi li tranżizzjonijiet għandom impatti ekonomiċi u soċjali li wieħed irid joqgħod attent għalihom.

Fl-aħħar nett kien hemm diskussjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin bejn 2021 u l-2027. Fid-dibattitu dwar il-livell ġenerali ta' infieq bħala persentaġġ tal-introjtu gross nazzjonali jeżistu diverġenzi bejn dawk li jridu jonfqu inqas minn dak li proponiet il-Kummissjoni anke peress li issa l-Unjoni Ewropea se tiċkien. Hemm oħrajn li jridu li tiżdied in-nefqa biex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda flimkien ma dawk tradizzjonali bħalma huwa l-programm ta' koeżjoni.